**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 55/18 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti żżewwġu fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ, hawn annessa, esebita u mmarkat bħala **DOK. SF1**, u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Dottor Timothy Ellis datat disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), kif jidher

minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bħalha **DOK. SF2**.

3. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti rrinunzjaw għad-dritt li jitolbu/jirċievu manteniment mingħand xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

6. Illi l-esponenti qed jikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu permezz ta' affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala **DOK SF3**.

Talab lil din il-Qorti sabiex :

a) Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet;

b) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Settembru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.